Linji Gwida għall-Prinċipali sabiex timtela l-Formola Onlajn għat-Talbiet tar-Rimbors tal-*Leave* tal-Maternita'

Il -Bord tat-Trustees imwaqqaf skont Avviż Legali 257 tal-2015 qed jindika dan il-proċess lill-Prinċipali biex jagħmlu talba għar-rimbors tal-*leave* tal-maternita'

1. Ittajpja http://gov.mt/ fil-linja tal-indirizz tal-*browser*
2. Fil-kaxxa tat-tfittxija ittajpja MSP010 (jew "maternity leave trust") u dan se jtella' l-Formola "Maternity Leave Trust Claim Form" fir-riżultat tat-tfittxija
3. Meta tingħafas il-ħolqa provduta, l-utenti se jkunu diretti lejn paġna b'dikjarazzjoni dwar il-Protezzjoni tad-*Data* u Linji Gwida għas-Sottomissjoni (fuq in-naħa tax-xellug) u l-buttuna "Launch Form" fin-nofs tal-paġna;
4. Meta tingħafas il-buttuna "Launch Form" tinfetaħ il-formola;
5. Utenti se jkollhom jużaw kont tal-e-ID validu sabiex jidħlu fil-formola.

Prinċipali huma wkoll avżati li sabiex id-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali jipproċessa l-formoli tal-applikazzjoni, id-dokumentazzjoni hawn imsemmija trid tkun mehmuża mal-formola:

- Kopja ta' 3 irċevuti FS5 maħruġa mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, jiġifieri rċevuta għal kull trimestru tat-tqala tal-impjegata li tindika l-ħlas tal-kontribuzzjoni tal-*leave* tal-maternita'.
- Kopja tal-karta tal-paga għall-paga/salarju bażiku sħiħ imħallas mill-prinċipal lill-impjegata tul l-erbatax-il ġimgħa ta' *leave* tal-maternita'.
- Kopja tal-lista tal-JobsPlus (magħruf qabel bħala ETC) tal-impjegati fil-kumpanija
- L-FS3 tal-impjegata (jekk l-impjegata li ħadet il-*leave* tal-maternita' kienet impjegata fil-kumpanija tul is-sena ta' qabel).

Ir-rimborsi se jsiru kull 4 xhur, bl-eċċezzjoni tal-ewwel applikazzjonijiet, sabiex ir-rimborsi jkunu proċessati mill-iktar fis possibbli.

Għal għajnuna biex timtela' l-formola onlajn Prinċipali jistgħu iċemplu fuq 25903585/3586.

Il-*Leave* tal-Adozzjoni huwa issa rregolat għas-settur privat skont l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (KAP. 452) - Ordni tal-2016 ta' Standard Nazzjonali dwar il-*Leave* tal-Adozzjoni. Iż-żewġ ġenituri li huma fl-impjieg huma intitolati biex bejniethom jieħdu erbatax –il ġimgħa leave tal-adozzjoni u l-Prinċipal huwa eliġibli għal Rimbors mill-Fond tal-Leave tal-Maternita'.